# BOGĦOD-VIĊIN, VIĊIN-BOGĦOD:

# IĊ-ĊAQLIQ U N-NUQQAS TIEGĦU FIL-MOVIMENTI LETTERARJI

**KEYNOTE SPEECH ANNUAL INTERNATIONAL MULTIDISCIPLINARY CONFERENCE**

**JUNIOR COLLEGE, MSIDA**

**16-9-2022**

Immanuel Mifsud

Għall-fini ta' din il-preżentazzjoni, b'ċaqliq m'aħniex se nifhmu sempliċi moviment, imma moviment li bih is-suġġett jitlaq mill-post fejn kien u jersaq lejn post ieħor, jiġifieri ċ-ċaqliq se jkollu forma ta' vjaġġ, imqar ta' ftit ċentimetri; spustament, imqar ċkejken. Id-distanza koperta biċ-ċaqliq mhijiex is-suġġett ċentrali u għaldaqstant m'aħniex se nkejluh – se jvarja ħafna.

(1)

Wara l-għarfien tal-innifsi fix-xbieha tal-mera, meta tarbija jkollha bejn wieħed u ieħor sitt xhur, huwa l-pass li jimmarka mument mill-aktar importanti fil-ħajja ta' bniedem. Hekk kif it-tarbija tirrealizza li tista' titkaxkar minn post għal ieħor waħidha, tintebaħ li għandha kapaċità oħra, kapaċità li tqajjem ix-xewqa għaċ-ċaqliq. Eventwalment, il-qawmien fuq is-saqajn, imbagħad l-ewwel passi bl-għajnuna ta' xi ħadd jew ta' xi ħaġa u, fl-aħħar, indipendentement minn kwalunkwe għajnuna, ifissru li t-tarbija, tkun laħqet il-punt li teżeriċita l-libertà tagħha fiċ-ċaqliq. L-ewwel passi, goffi u instabbli, bla dubju li kienu esperjenza inkredibbli għal kull tarbija u persważ li hija tassew ħasra li ħadd minna ma jiftakar dan il-mument hekk eċitanti ta' ħajtu. L-arti viżiva affaxxinat ruħha minn dan il-mument, kif jidher mis-serje ta' tpinġijiet ta' Jean-François Millet, *Le Premiers Pas* (1850)



li mbagħad irriinterpretahom Van Gogh fix-xogħol tiegħu tal-1890, *Le Premiers Pas (d'après Millet)*



u ħafna oħrajn bħal, il-kwadru *Les premiers pas* ta' Georges Paul François Laurent Laugée (1853),



*L-Ewwel Passi tat-Tarbija* ta' Jean Carolus (1855),





*Le Primier Pas* ta’ Edouard Frere (1876),





*Erste Schritte* ta' Georgios Jakobides (1889, 1893),



*Omm u Wild (l-Ewwel Passi)* ta' Picasso (1943) u



u *Children on the Seashore: The First Steps* ta’ Savely Kamsky (2018).

Mhux ta’ b’xejn li t-tbissima ferħana li tidher fuq it-tarbija meta tħares lejn il-mera u tagħraf lilha nfisha, terġa’ titfaċċa dakinhar li timxi minn punt għal ieħor mingħajr għajnuna. Huwa mument ta’ ferħ – għat-tarbija nfisha, m’għandniex xi ngħidu, imma daqstant ieħor għall-ġenituri u l-familjari tat-tifel jew tifla. Jekk, kif jgħid Lacan (1-8) l-għarfien tax-xbieha fil-mera huwa l-ewwel esperjenza tal-jien, l-iskoperta tal-innifsi, l-ewwel pass indipendenti jimmarka l-kisba ta’ libertà li diffiċli ħafna li xi ħadd jagħżel li jirrinunzja. Ladarba t-tarbija tifhem li tista’ timxi waħidha, araha tirrifjuta, minn hemm ’l hemm, li xi ħadd imqar iżommilha idha. L-ewwel pass huwa mument ta’ importanza kbira; il-mument meta anki l-ġenituri jintebħu li bdiet it-triq biex il-wild ma jibqax jiddependi minnhom; il-mument meta ftit ftit tibda s-separazzjoni tal-wild mill-ġenituri. Mhux ta’ b’xejn li fil-lingwa tagħna, l-ewwel pass tat-tarbija nirrakkuntawh bil-verb kompost “telaq jimxi”. Il-verb “telaq”

jesprimi s-sodisfazzjon tal-ġenituri li wildhom laħaq tragward importanti ieħor fil-maturazzjoni tiegħu, iżda fl-istess waqt jaħbi l-ewwel ħasda bit-triq biex dak il-wild jinfatam minnhom: issa l-wild jista' jitbiegħed, appuntu "jitlaq". (Dan l-istess verb, jintuża aktar 'il quddiem meta l-ulied "jitilqu" mid-dar, mument meta allura s-separazzjoni ssir aktar uffiċjali għax aktar fiżika.) Dan kollu qiegħed ifakkarna li ċ-ċaqliq mhuwiex biss ir-resqa lejn xi mkien, iżda simultanjament, it-tluq minn imkien ieħor: biex nersaq lejn imkien irrid nitlaq minn imkien ieħor. U l-fatt li nużaw il-verb "telqet timxi" u mhux, ngħidu aħna, "resqet timxi" ifisser li l-ewwel pass indipendenti nħarsu lejh bħala tbegħid minna.

(2)

L-ewwel speċi ominidi li mxiet fuq par saqajn, kienet dik li tfaċċat fuq wiċċ id-dinja bejn erba' u sitt miljun sena qabel l-Homo Sapiens (Amato 20). Mal-ewwel pass li taw dawk il-ħlejjaq bdiet il-mixja tal-bniedem, fis-sens fiżiku u metaforiku tal-kelma. Hemm beda ċ-ċaqliq tal-umanità: fuq dan il-par saqajn sakemm il-ħtieġa li jinqasmu l-ilmijiet wasslet biex il-par saqajn rikeb fuq qoxra u kabbar id-distanza taċ-ċaqliqa tiegħu.

Il-mixi bħala moviment minn post għal ieħor, mill-ewwel passi li bniedem jagħti fl-ewwel sena ta' ħajtu, sakemm saħħtu tagħtih, huwa wieħed minn dawk il-fenomeni li, anki jekk il-bniedem komuni ftit li

xejn jaħseb dwaru għaliex huwa moviment mondan, l-akkademja, permezz ta' dixxiplini differenti li jvarjaw mill-bijoloġija u l-mediċina sal-antropoloġija u l-filosofija, tistudjah b'entużjażmu kbir ħafna. U allura, kif jiġbdulna l-attenzjoni Ray Boland u Brian Wheeller hemm tliet benefiċċji tal-mixi: benefiċċju fiżiku għaliex permezz tiegħu l-ġisem jinżamm f'saħħtu; psikoloġiku għax il-mixi jista' anki jferraħ lil dak li jkun; u saħansitra ambjentali għaliex ma jinkwinax l-arja (74). Il-mediċina kontinwament tfakkarna fil-ħtieġa li niċċaqilqu: li, qabel xejn, nimxu. F'dan is-sens, allura, il-mixi ngħata importanza medika. Ma kinux neċessarjament it-tobba l-ewwel li kkummentaw dwar l-importanza tal-mixi għas-saħħa fiżika u psikoloġika. F'nofs is-seklu dsatax, Henry David Thoreau jikteb li ma kienx ikun possibbli jżomm saħħtu – fiżika u mentali – kieku ma kienx jagħmel il-mixja ta' xi erba' sigħat fl-imsaġar, l-għoljiet u l-għelieqi, anzi jżid:

> When sometimes I am reminded that the mechanics and shopkeepers stay in their shops not only all the forenoon, but all the afternoon too, sitting with crossed legs, so many of them – as if the legs were made to sit upon, and not to stand or walk upon – I think that they deserve some credit for not having all committed suicide long ago.(3)

Qabel Thoreau kien hemm il-filosfu Ċiniku Dijoġini li, fl-argument tiegħu kontra l-prinċipju ta' Zeno, li l-moviment ma jeżistix, jisħaq

li *solvitur ambulando*, il-problema tissolva bil-mixi. Jingħad ukoll li Dijoġini kien iqatta' l-iljieli jimxi hu u jfittex il-bniedem rett, tiftixa li qatt ma kellha eżitu pożittiv għalkemm wasslet lil Dijoġini jikkonkludi li l-bniedem onest ma jeżistix, konklużjoni li, aktarx, kellha l-valur tagħha wkoll. Lanqas ma rridu ninsew il-pellegrinaġġi reliġjużi li, fil-Medjuevu, kienu meqjusin b'serjetà kbira ħafna, tant li persuna kienet issir pellegrin bi status ġuridiku u b'barka episkopali (Gros Kap 13). Il-pellegrin ma kienx fenomenu tad-dinja Nisranija biss. Biżżejjed insemmu l-Ħaġġ, il-pellegrinaġġ mandatorju Musulman lejn Mekka; il-pellegrinaġġi tal-pellegrini Buddisti f'siti differenti fit-tramuntana tal-Indja u n-nofsinhar tan-Nepal; dawk tal-pellegrini Ħindu li jinkludu r-rit tal-purifikazzjoni fix-xmajjar (Jakobsen); kif ukoll il-pellegrinaġġi Elużjani fil-Greċja klassika (Nielsen).

Matul is-snin, dawn il-pellegrinaġġi nbidlu minn avveniment purament reliġjuż jew spiritwali għal avveniment sportiv jew rikreattiv. Il-pellegrinaġġ lejn Santiago de Compostela huwa eżempju ċar ta' trasformazzjoni ta' fenomenu minn paradimma għal oħra. Waqt li oriġinarjament pellegrinaġġ lejn il-katavru ta' San Ġakbu ta' Żebedew li ħa importanza kbira fid-dinja Nisranija fil-medjuevu, illum il-ġurnata sar aktar attività kulturali li tiġbed numru kbir ta' nies biex jagħmlu "din l-esperjenza", ta' inkontru man-natura, ma' persuni oħrajn (fl-era tal-interazzjoni ma' stranġieri din hi kwalità importanti) u r-riskoperta tal-innifsi. Filwaqt li hu stmat li sas-

snin ħamsin tas-seklu li għadda, kienu jkunu biss ftit għaxriet li jagħmlu l-camino, fl-2015 kien ikkalkulat li ġibed lejh 300, 000 ruħ (Somoza-Medina u Gonzalez 390) li telgħu għal 327, 000 sa tliet snin wara (Maria Camino Ways). Il-pellegrinaġġ lejn Santiago de Compostela huwa aktarx l-aktar magħruf minn diversi mixjiet li saru moda li jsiru: mixjiet li ħafna drabi jsiru wkoll bħala sfida ta’ nies li jgħixu f’ambjent urban fejn iċ-ċaqliq isir aktar waqt li jkunu bilqiegħda fuq tal-linja, fuq it-tramm jew it-tube, jew inkella fil-karozza tagħhom stess. F’dan is-sens, allura, il-moviment fiżiku joffri alternattiva għall-ħajja ta’ kuljum, fejn anki jekk hemm moviment kontinwu, jibqa’ dejjem fi ħdan l-istess limiti u aktarx bil-ġisem bilqiegħda: ċaqliq sedentarju, jekk tippermettuli l-ossimoro. F’xi pajjiżi jidher li hemm moviment ġdid li qiegħed jiffavorixxi ċ-ċaqliq fiżiku minflok dak sedentarju.

Jeff Speck, fil-ktieb tiegħu *Walkable City* (2012) josserva li fl-Amerka, sa minn lejlet il-bidu tal-millennju l-ġdid, in-numru ta’ mili li nstaqu f’karozza minn żgħażagħ fl-għoxrinijiet tagħhom meta mqabbel mad-distanzi totali li għamlu niżel minn 20.7% għal 13.7%. Huwa josserva wkoll li n-numru ta’ żgħażagħ fl-età li jiksbu liċenzja tas-sewqan niżel ukoll: fi tmiem is-snin sebgħin kienu biss 8% li ma kellhomx liċenzja, filwaqt li sal-bidu tal-millennju l-perċentwal tela’ għal 23%. Speck jesprimi l-fehma li ladarba dawn it-tendenzi bdew qabel ir-reċessjoni tal-2008, il-motivazzjoni tagħhom mhijiex waħda ekonomika daqskemm kulturali. (Speck kap 1). Dawn l-istatistiċi

wasslu lil Speck biex iħabbar it-twelid tal-Ġenerazzjoni li Timxi. Kairen Goertz tissostanzja dan li qiegħed jinġieb minn Speck. Hija tinnota li l-millennials Amerikani qegħdin jagħżlu stil ta’ ħajja fejn anki f’ambjent urban l-ivvjaġġar isir bil-mixi u qegħdin jirrinunzjaw għall-użu tal-karozzi. Skontha, din il-ġenerazzjoni

> no longer buy into the mythology of the car as symbol of freedom, fashion and social status. Instead, they are attracted to the considerable financial savings and personal autonomy of not owning a car. Living without a car also embodies values and a conscious choice to be more sustainable, less consumerist, and to leave a smaller carbon footprint. Being freed from the car gives them agency and a sense of moral authority in a world plagued by global warming and fossil-fuelled wars. (55)

Dejjem skont Goertz, il-ġenerazzjoni li timxi, tant hija konxja tal-vantaġġi fit-tnaqqis tal-użu tal-karozza li saħansitra l-għażla ta’ liema università jattendu taf issir minn kemm il-kampus jiffaċilita l-mixi u l-użu tat-trasport pubbliku minflok is-sewqan.

Madankollu, wieħed ma jistax ma jarax li hemm numru ta’ kuntradizzjonijiet fil-ħajja tal-millennials u ta’ ġenerazzjonijiet oħrajn, għallinqas lokalment. Ir-riklamar fuq il-mezzi soċjali jnqasam f’żewġ kapitli, wieħed jikkontradixxi lill-ieħor: fuq naħa hemm ir-riklam li jħeġġek tiċċaqlaq biex tieħu ħsieb saħħtek u, forsi aktar,

id-dehra tiegħek: mur il-gym, agħmel l-eżerċizzji, iċċaqlaq, ipprenota sessjonijiet ma' dawk li qegħdin isejħu lilhom infushom "personal trainer", tella' r-ritratt tiegħek qabel rajt lill-personal trainer tiegħek u waħħlu ma' ieħor li ġbidtu xahrejn biss wara li ltqajt mat-trainer (fl-ewwel wieħed b'wiċċ imqarras, fit-tieni b'wiċċ jitbissem) u taħtu tibda tara l-likes, il-kummenti li jifirħulek u jinkoraġġuk biex tkompli bil-proċess.




Imbagħad hemm il-kapitlu l-ieħor li jgħidlek li m'għandekx għalfejn tiċċaqlaq, m'għandekx għalfejn tinqala' minn postok: il-bejgħ u x-xiri online (li ħa spinta qawwija ferm mill-pandemija 'l hawn); il-fenomenu tal-Wolt u l-Bolt u l-Ubereat li jġibulek l-ikel u x-xirja fuq it-tarġa tad-dar, kif bdew jagħmlu ħafna kumpaniji u ħwienet

oħrajn; ir-remote tat-televixin, tal-istereo, tal-AC; ir-robot li jnaddaflek l-art u jmur lura f'postu meta jidhirlu li lesta minn xogħlu; Alexa li tobdi ordnijiet varji inkluż it-tifi tad-dawl biex int ma tqumx u tagħfas is-swiċċ; u ħwejjeġ oħrajn ta' dan it-tip. Ma rridux ninsew il-karozza. L-aħħar statistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, fit-28 ta' Lulju 2022, turi li sa tmiem Ġunju li għadda, in-numru ta' vetturi liċenzjati fit-toroq kien ta' 419,254. Minn dawn 75.2% kienu karozzi tal-passiġġieri, 13.7% vetturi kumerċjali, 10% muturi, quadbikes, scooters u ATVs. Il-perċentwal ta' vetturi għat-trasport pubbliku, jiġifieri xarabankijiet u minibuses, huwa ta' inqas minn 1%. Dan ir-rapport tal-NSO jindika wkoll li n-numru ta' vetturi liċenzjati fit-toroq kien qiegħed jikber b'rata ta' ħamsin vettura kuljum bejn April u Ġunju (National Satistics Office).




Sors: https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2022/07/News2022_132.pdf

Dan jista’ jfisser, li qegħdin niċċaqilqu aktar, qegħdin immorru minn post għal ieħor aktar milli konna qabel. Tant, li n-numru kbir ta’ karozzi fit-toroq wassal biex l-aħħar amministrazzjonija governattiva u dik preżenti tniedi proġetti kbar ta’ xogħlijiet infrastrutturali bħal flyovers, twessigħ massiv ta’ toroq, bi sfreġju rampanti ta’ għelieqi, inkluż art saqwi (ngħidu aħna fir-Rabat) u t-tqaċċit ta’ mijiet ta’ siġar. F’dan is-sens hemm ħafna ċaqliq bil-karozza li aktarx jimplika inqas ċaqliq fiżiku. Hawn aktar faċilità ta’ ċaqliq iżda għalkemm il-wiċċ tal-pajjiż inbidel biex jakkomoda dan iċ-ċaċliq, id-dimensjonijiet tal-gżira baqgħu, nistgħu ngħidu, dawk li kienu minn dejjem. Iċ-ċokon sar aktar ovvju u probabbli aktar faċli li wieħed jiffrustra ruħu bih. Il-karozza ġerrietna aktar ’il bogħod milli kienu jeħduna riġlejna; tatna l-possibilità ta’ distanzi akbar. Simultanjament, l-istess karozza għallmitna ċ-ċokon għax urietna d-distanzi qosra bejn l-estremitajiet tal-gżira. Bil-karozza sirna rridu niċċaqilqu mingħajr ma niċċaqilqu. Dan isir evidenti ħafna fil-ħruġ ta’ ħafna Maltin: nies li jmorru fil-kampanja bil-karozza, jipparkjaw kemm jista’ jkun f’nofs l-għelieqi u ... joħorġu l-pultruni maġenb il-karozza jekk mhux, addirittura, jibqgħu bilqiegħda fis-seat tal-karozza stess. Dik tkun il-ħarġa, iċ-ċaqliqa mid-dar għall-kampanja fil-karozza; il-piknik fil-karozza. Din l-inerzja hija evidenti wkoll fix-xhur tas-sajf bil-ħafna karovani li qegħdin jittrakkaw ċentimetri ’l bogħod mill-baħar biex, jekk jista’ jkun, mill-bieba tal-karovana tagħmel pass wieħed u l-pass ta’ warajh tagħmlu meta tkun diġà ġol-ilma.

(3)

Kif jidħol dan id-diskors meta wieħed jistudja l-letteratura? Liema ċaqliq u moviment se nsibu fl-istorja twila tal-letteratura kemm dik miktuba u dik mgħoddija bil-fomm? Tajjeb li niftakru, kif jagħmel il-poeta lawreat Ingliż Simon Armitage, li l-poeżija l-kbira fit-tradizzjoni Ewropea, hija poeżija tal-moviment (8): appuntu nibdew mill-bidu nett bil-vjaġġ ta' Odissew mimli taqtigħ il-qalb madwar il-Mediterran f'*L-Odissea*, Dante li jivvjaġġa lejn il-lil hinn f'*Id-Divina Commedia*, Chaucer u l-istejjer ta' Canterbury, Cervantes u l-hidalgo tiegħu, u xogħlijiet oħrajn li jeħduna fi żminijiet u f'artijiet imbiegħda. Ħafna kienu dawk il-kittieba li, minbarra li mlew il-manuskritti tagħhom bil-versi u r-rakkonti li għadna naffaxxinaw irwieħna bihom sal-lum, qattgħu ħafna sigħat minn ħajjithom jimxu. Wordsworth flimkien ma' Coleridge mxew mijiet ta' kilometri, l-istess kif għamlet Dorothy Wordsworth, għalkemm dik la tissemma għall-kitbiet li ħalliet warajha bħalma jissemma ħuha, u lanqas għall-mixi li kienet tagħmel (Andrews 58-86). Il-poeżija Romantika u dik tal-bidu tal-Moderniżmu Ewropew inkitbet, ħafna drabi, minn dawn in-nies li kienu ossessjonati bil-mixi, biċ-ċaqliq minn post għal ieħor. Filwaqt li r-Romantiċiżmu tana l-moviment tal-bniedem bħala ħarba lejn is-silenzju tan-natura, il-Moderniżmu bikri, imbagħad, ippreżenta l-bniedem li jimxi, daqstant ieħor solitarju, fit-toroq u ċ-ċentri tal-bliet, bil-faxxinu bil-metropoli li bdiet dejjem tikber aktar mis-seklu dsatax 'il hawn. U hawn titwieled il-figura tal-flaneur, il-bniedem li jterraq fil-boulevards, fil-pjazez,

li jagħqad u jdur biex jaħkem l-essri mhux fl-ispirtu tas-siġar u x-xmajjar imma mal-ħitan tal-palazzi u d-djar u l-appartamenti, fir-ringieli ta' kantunieri u l-bankini, inklużi dawk tal-isqaqien u t-trejqiet mudlama, spiss assoċjati mal-lejl. Il-letteratura u l-ambjent ma jistgħux jinfirdu għaliex, kif jgħid Ben Jacks, it-tnejn jiddjalogaw bejniethom (7).

Kif nafu, ma kinitx il-letteratura biss li ntrabtet hekk mill-qrib maċ-ċaqliq. L-istess jista' jingħad għall-filosfi: diġà ssemma Dijoġini, imma huwa magħruf li l-istess kienu jagħmlu Rousseau u Kant u Nietzsche fost oħrajn.

Il-moviment tal-kittieba ma kienx dak limitat għall-mixi fil-widien u l-wileġ ta' madwarhom jew it-toroq tal-bliet fejn setgħu kienu jgħixu. Diġà naraw kif l-artist Romantiku ra ċ-ċaqliq bħala l-kanal għall-estru kreattiv, għat-tbaqbiq poetiku, iżda kellu jkun (ukoll) l-ivvjaġġar lejn artijiet oħrajn li jwasslu għat-tmigħ u simultanjament għall-iżvog tal-enerġija Romantika tiegħu, bil-każi eċċezzjonali jkunu dawk ta' Byron u Ugo Foscolo. Ispirati sew mill-qari tad-djarji u n-noti tal-ivvjaġġar u l-moda ġdida tal-Grand Tour, tant popolari mal-klassijiet affluwenti, il-kittieba Romantiċi esploraw l-artijiet barranin u mhux biss irreġistraw il-moviment imma anki inkludewh fil-kitba tagħhom. Dawn il-kittieba mhux biss ġrew imma ikkomponew xogħlijiet li ġrew huma wkoll: il-Kaptan Robert Walton, in-narratur tal-kapulavur ta' Mary Shelley, *Frankenstein*, huwa esploratur fl-

Artiku; il-baħħar anzjan ta’ Coleridge ibaħħar fil-Paċifiku. Irridu niftakru wkoll li wħud minn dawn il-kittieba kitbu n-noti tal-vjaġġi tagħhom stess: William Wordsworth bir-rakkonti tal-esperjenzi tiegħu fl-Ewropa fil-ktieb *Descriptive Sketches, in Verse, Taken During a Pedestrian Tour in the Italian, Grison, Swiss, and Savoyard Alps* (1793); in-noti tal-vjaġġi ta’ oħtu Dorothy Wordsworth, *Recollections of a Tour Made in Scotland* (1803); il-koppja Shelley bil-ktieb tagħhom *History of a Six Weeks’ Tour* (1817) huma biss ftit minn ħafna eżempji ta’ kotba ta’ vjaġġi li nkitbu f’dik l-epoka (Casalingi u Formanis 62).

Ebda moviment artistiku ma kien espliċitu fuq il-prominenza tal-moviment daqskemm kien il-moviment Futurista Taljan, imniedi minn Tommaso Marinetti fl-għodwa tal-Moderniżmu Ewropew. Ippubblikat għall-ewwel darba fil-volantin ta’ *Rassegna Internazionale ‘Poesia’* f’Jannar 1909 u mbagħad f’*Le Figaro* fl-20 ta’ Frar 1909, il-manifest jeżalta, fost priniċpji oħrajn, *la bellezza della velocitá* (Marinetti 1909). Il-qawwa tal-magna li tittrasporta tieħu post il-mument introspettiv li l-arti u l-poeżija ta’ qabel iffukat fuqu. L-eroj il-ġdid isir ir-raġel bl-istering f’idejh li jsuq b’din is-sbuħija l-ġdida u jaqsam id-dinja. Kif wieħed jista’ jimmaġina, fis-seklu għoxrin, meta allura l-ivvjaġġar beda jsir aktar faċli, il-kittieba u l-artisti se nsibuhom ħafna aktar imxerrdin, tant li huwa diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li nagħtu rendikont taċ-ċaqliq tagħhom. Nafu, pereżempju, kif Pariġi kienet il-mekka ta’ artisti minn madwar

id-dinja sa qabel u anki wara t-Tieni Gwerra Dinjija: il-belt ta' James Joyce (wara Zurich u Trieste), u l-kompatrijott tiegħu Samuel Beckett; daqstant ieħor il-belt ta' Hemingway, Arthur Miller u aktar tard ta' Milan Kundera. U dan kollu, f'rifless tal-eroj Futurista u Marinettjan, fil-mument meta l-bniedem spara lejn l-ispazju u dar mal-globu u, ftit wara, saħansitra jippassiġġa fuq il-qamar u jiġi lura qawwi u sħiħ. Dan żied il-faxxinu bil-moviment għaliex il-bniedem beda jersaq lejn fejn dejjem xtaq li jersaq anki jekk ħaseb li seta' jagħmel dan fil-fantasija u l-fantaxjenza. Lura fuq il-globu l-bniedem wasal biex sebaq anki l-ħolma futurista hekk kif seta' jivvjaġġa b'veloċità li teċċedi dik tal-ħoss bit-Tupolev TU 144 fl-aħħar jum tas-sena 1968 u t-titjiriet tal-Concorde fil-bidu ta' Marzu 1969. Ma baqax biss il-moviment sempliċi l-faxxinu tal-bniedem, imma l-veloċità u d-distanza dejjem jikbru.

Il-letteratura u l-forom l-oħrajn tal-arti ma setgħux ma jkunux huma wkoll affaxxinati minn dan kollu. Waqt li l-laboratorji u l-workshops bdew għaddejjin bl-esperimenti tagħhom biex ikabbru dejjem aktar il-potenzjal tal-magna, il-kittieba wkoll sabu rwieħhom jesperimentaw biex huma wkoll isellmu lis-seklu tal-moviment u l-veloċità. Il-ħeffa u l-ispontanjetà saru ingredjenti preżenti ħafna fil-letteratura li kkoinċidiet ma' tant taqlib soċjali ieħor, taqlib li seħħ b'ħeffa u rapidità hekk kbar li forsi wasslu biex jaqtgħu nifs il-bniedem.

(4)

Fil-letteratura lokali, iċ-ċaqliq jissemma l-ewwel darba f'dik li sa issa hija meqjusa bħala l-eqdem poeżija Maltija. Fis-sbatax-il vers tal-*Kantilena*, Pietru Caxaro jislet dak li aktarx huwa qawl Sqalli fl-assjoma li– "min ibidill il miken ibidil il vintura ("min jibdel il-post jibdel xortih!") (Cassola 63-66). Diversi studjużi jisħqu li Caxaro kiteb allegorija biex minn banda jisħet ix-xorti ħażina f'ħajtu jew imħabbtu, minn oħra jqawwi qalbu għal futur aħjar. Il-bdil fil-post, anki jekk allegoriku, jindika l-moviment, iċ-ċaqliq, u hija tassew sinifikanti li anki dawn il-versi mis-seklu ħmistax jagħrfu s-siwi tal-moviment.

Matul iż-żmien, iżda, mhux il-letteratura kollha għamlet dan. Ħarsa lejn il-kitba Maltija tindika s-sindromu ta' Elena u Penelopi – il-waħda li vvjaġġat u l-oħra li baqgħet sedentarja (Ieranò). Il-letteratura tagħna, sa issa, għadha nieqsa mill-kitba dwar il-vjaġġ.[1] Alex Vella Gera joffri ftit kitbiet dwar il-mixjiet mingħajr skop tiegħu fit-toroq Maltin. Fl-ispirtu psikoġeografiku kif oriġinarjament propost minn Guy Debord fl-1955 (8) il-bloggata "In Limbo" fil-blogg (illum defunt) *Xtaqt Kont Hemm*, tirreġistra mixja notturna mill-Imsida sa Wied il-Għajn u l-effetti tal-mixja fuq il-psike u l-memorja tal-awtur:

[1] Dan in-nuqqas jista' jitqies b'miksur mill-kitbiet rari dwar il-vjaġġi, pereżempju bħal dawk ta' Bonamico (ara Cassola [2012])

> Hamrun blended into Marsa, where the air hung heavy in my dilated nostrils, industrial and magnetic. I could go on, I thought to myself, I could go on all the way to the coast, and the idea pleased me, because no man is directionless, even the most clueless. Besides, a target injects a spring in one's step.

Eżampju ieħor ta' kitba psikoġeografika tal-istess awtur insibuha f'*Uncommon Malta and Gozo*:

> Leaving the cemetery (this time through the front gate) I now cross over into the grid like streets of Paola (*Raħal Ġdid* or New Town), which aside from being long and relatively calm, offer promising views into people's homes, owing to the good number of women who choose today to spring clean. I march on, sneaking peaks inside; the marble staircases, the kitsch statue in the entrance haliway, the smell of disinfectant taking me back across a lifetime of memories (113-114).

F'silta oħra, miktuba f'format ta' manifest għal prinċipijanti ta' mexxejja notturni, Vella Gera jistqarr li "it-triq l-ewwel trid tgħożżha u tafdaha, bħal sieħba tal-qalb. Imbagħad biss tibda tikxiflek sidirha u tpespislek is-sigrieti tagħha." Ladarba tgħaddi minn dan il-proċess inizjali, ikun jonqos li tħalli "t-triq tipnotizzak. Ħalli l-passi tiegħek fuq l-asfalt jipnotizzawk. Huwa

forma ta' meditazzjoni l-mixi. Trid tarrendi għalih biex tagħraf il-maġija tiegħu" (Vella Gera, "12-il Pass").[2]

Dawn is-siltiet minn Vella Gera, minbarra li, lokalment, huma uniċi bħala ġeneru letterarju, jeżemplifikaw ħsieb dwar iċ-ċaqliq li jikkorrispondi ma' fehmiet espressi minn kittieba mhux Maltin. Il-ħeġġa għall-moviment, f'dan il-każ speċifikament il-mixi, tfakkarna fil-ħeġġa għall-moviment tat-tarbija li bdejna din it-taħdita biha. Il-moviment minnu nnifsu huwa triq għall-iskoperta, mhux daqstant tal-ġeografija u l-madwar, daqskemm tal-innifsi, jew għallinqas tar-relazzjoni tal-ġewwieni mad-dinja esterna. Jekk it-tarbija se tiskopri lilha nfisha, l-ewwel fix-xbieha tħares lejha mill-mera u mbagħad bil-pass indipendenti anki jekk inċert u insigur, il-mixja mitlufa fit-triq kif proposta minn Vella Gera, hija tkomplija jew rinaxximent ta' dak il-mument partikolari fil-bidu tal-għomor ta' bniedem. Huwa għalhekk li Dun Karm, ixebbah il-ħsieb għarriexi ma' pellegrin agħmi f'"Il-Jien u Lil Hinn Minnu", u fil-proċess jittrasforma ruħu f'tifel żgħir fuq ħoġor ommu.

Fil-fehma tiegħi hemm ċerti inkonsistenzi fil-mod kif il-movimenti letterarji (u issa qegħdin nikkonċentraw fuq dawk lokali) jittrattaw (jew le) iċ-ċaqliq. Kif wieħed jista' jimmaġina, ix-xogħlijiet letterarji li verament iniedu l-istorja letterarja tagħna lejn nofs

[2] L-informazzjoni dwar dawn il-pubblikazzjonijet għaddiet għandi minn Alex Vella Gera b'ittra elettronika iddatata 30 ta' Lulju 2022 u oħra ddatata 1 ta' Awwissu 2022, kif ukoll b'messaġġ fuq Facebook minn Patrick Galea fit-2 ta' Awwissu 2022.

is-seklu dsatax, filwaqt li imitaw letteraturi barranin, kienu wkoll esperimentali ladarba ma kellhomx tradizzjoni lokali fuqiex jibnu. Imqar l-ortografija li kellhom jużaw biex jiktbu r-rumanzi u l-poeżiji tagħhom kienet għadha ma ġietx stabbilita. Meta wieħed iħares lejn l-ewwel rumanzi, partikolarment dawk miktubin minn Ġużè Muscat Azzopardi, jintebaħ li ċ-ċaqliq huwa, ġeneralment, limitat għal fuq il-gżira. Fir-rumanz *Toni Bajjada* (1878) il-protagonista jintbagħat fuq missjoni navali li tfalli u jispiċċa maħtuf u kkarċerat mill-għedewwa, iżda eventwalment jirritorna. Din l-espedizzjoni hija pjuttost eċċezzjoni fix-xogħol ta' Muscat Azzopardi għax il-moviment ġeneralment isir mill-għedewwa li jiġu jassedjaw jew jinvadu l-gżira. Iċ-ċaqliq intern isir biss u dejjem mill-protagonisti maskili, l-eroj li għandu s-setgħa jivvjaġġa minkejja l-periklu minħabba l-preżenza invażiva tal-għadu. Din is-segregazzjoni bejn il-karattri rġiel u dawk nisa tidher sew, ngħidu aħna, fir-rumanz *Ċejlu Tonna* (1886) li jippreżentalna lil Tonna u sieħbu Neriku Parisot kontinwament jiġġerrew 'l hemm u 'l hawn fuq missjoni waħda wara l-oħra kontra l-għadu jew biex iżuru lill-għarajjes tagħhom li ma jagħmlu xejn għajr iqattgħu l-ġurnata kollha moħbijin f'għar f'Binġemma jistennew lill-maħbubin jiġu jżuruhom mingħajr qatt imqar jixirfu riġel 'il barra. Id-dijeġesi tar-rumanzi l-oħrajn ta' Muscat Azzopardi isegwu dan in-nuqqas ta' ħruġ 'il barra. Bħal Muscat Azzopardi hemm rumanziera oħrajn, anki ta' epoki u orjentazzjonijiet ideoloġiċi u letterarji differenti. Ġużè Ellul Mercer u Ġużè Bonnici jambjentaw xogħlijiet propju hawn, u diversi drabi l-istorja sseħħ f'xi raħal, bħal Ħaż-

Żgħir, anki jekk f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* Dun Karm isiefer b'missjoni waqt l-ewwel gwerra dinjija. Ellul Mercer ukoll isegwi l-konvenzjoni li tiddiferenzja ċ-ċaqliq fuq il-linji tal-ġeneru: huma l-irġiel li jħufu 'l hemm u 'l hawn, li jiltaqgħu biex imorru l-każini jew għand xulxin jew għand il-maħbuba sigrieta, waqt li n-nisa tagħhom jibqgħu jistennew id-dar. Rarament naraw lil dawn in-nisa jiċċaqilqu mhux għax in-nisa f'dawk iż-żminijiet kienu neċessarjament jinqaflu ġewwa, imma għaliex il-kittieba rġiel ma rreġistrawx iċ-ċaqliq tagħhom, issedentrjarizzawhom. In-nisa li kienu jinġiebu li jiċċaqilqu kienu dawk ta' kondotta dubbjuża bħal prostituti jew nisa laxki bħal Klara Buqerq. L-ewwel snin tar-rumanz Malti joffrilna, però, eċċezzjoni interessanti: il-vjaġġ ta' xi Maltin lejn New York f'perjodu meta ħafna kienu qegħdin jaqsmu l-Atlantiku ifittxu xortihom l-Amerki. Juann Mamo jmexxi l-istorja tiegħu fuq in-naħa l-oħra tal-globu. Ir-rakkont tiegħu jiċċaqlaq u jivvjaġġa 'l bogħod, u dan ma jagħmlux biss f'*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* imma anki fin-novella "Rewwixta fi New York" li għal darba oħra r-rakkont jitlobna nsegwu żewġ irġiel li jittantaw xortihom fil-metropoli Amerikana b'riżultati diżastrużi. Minn dawn il-kittieba li semmejt sa issa, Mamo biss fiżikament iċċaqlaq barra minn Malta. Mill-1913 lil Mamo nsibuh jgħix fi nħawi differenti fl-Eġittu, imbagħad bejn April u Awwissu 1922 insibuh jivvjaġġa lejn Ruma, Modena, Pariġi, Southampton u Londra (Galea 59, 124). Mamo jista' jitqies kittieb vjaġġatur għalkemm il-protagonisti tiegħu jwassalhom f'pajjiż fejn hu qatt ma resaq u jbegħedhom minn fejn kien resaq hu.

Jekk in-nisa ħafna drabi nżammu sedentarji mill-kittieba rġiel, ikun xieraq ninnutaw li l-unika poeta mara fl-era Romantika tatna xogħol eċċezzjonali meta mhux biss hi, bħala mara, tidher tiċċaqlaq mill-gżira ta' Għawdex, imma talli nsibuha titla' fl-ispazju. Imwielda f'Għawdex u fiżikament iċċaqilqet biss biex kultant żmien tinżel Malta, fl-1947 Mary Meylak tippubblika *Dawra Misterjuża*, poeżija fantaxjentifika li fiha narawha titla' fl-ispazju, tersaq qrib il-qamar u x-xemx, u tinġarr mill-irjieħ lura lejn pajjiżha. Meta wieħed iqis li Meylak spiss kienet l-eċċezzjoni, il-moviment fil-poeżija tagħha m'għandux jissorprendina daqstant. Kienet hi li tatna l-unika erojina Maltija li mhux biss teħodha mal-għadu imma saħansitra tmexxi l-battaljun fl-attakki fil-poeżija narrattiva "Grezz il-Gwerriera" fil-ġabra *Album* (1947). Fl-istess ktieb, Meylak tlaqqa' lill-qarrejja tagħha ma' protagonista oħra li bħala baħħara (u din diġà hi kwalità eċċezzjonali) ukoll tkopri distanzi kbar, tant li tissejjaħ "l-imperatriċi/tal-imperu ikħal nir", fil-poeżija "Id-Destin tas-St Clement". Il-moviment fil-kitba ta' Meylak jidher ukoll f'ġabra ta' novelli li għadha ma ġietx ippubblikata, b'kull novella tlaqqagħna ma' karattru minn raħal differenti f'Malta u Għawdex. F'Meylak, allura, il-moviment isir kemm mill-karattri insoliti tagħha, kemm mid-dijeġesi tal-poeżiji narrattivi u n-novelli tagħha.

Altrimenti l-moviment fil-poeżija tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, hija limitata għall-irħula u l-kampanja. Il-poeta Romantiku Malti

esprima l-iskumdità tipika Romantika bil-belt. F’dan il-punt, id-diskors ikollu jdur lejn il-mistoqsija jekk f’Malta hawnx belt, jew inkella jekk Malta kollha kemm hi hijiex minnha nfisha belt imdaqqsa waħda. Lanqas mhi ħaġa faċli li tiġi fformulata definizzjoni ta’ belt. Jidher li din tiddependi ħafna fuq il-pajjiż partikolari. Fil-Gran Britannja, ngħidu aħna, hija d-diskrezzjoni tal-kuruna li tiddeiċidi jekk lokal jitqiesx belt jew le, tant li fl-2022, għall-festi tal-ġublew tar-renju ta’ Eliżabbetta II tmien lokalitajiet mifruxin mar-Renju bdew jitqiesu bħala bliet (Cook). Jidher li l-kriterji mħaddma huma li l-lokal irid ikollu popolazzjoni minima ta’ 300,000 ruħ, li l-gvern lokali għandu reputazzjoni tajba, u li l-lokal għandu karattru ‘metropolitan’. Fid-dokument maħruġ minn UN-Habitat, *What is a City?* huwa indikat kemm huma differenti d-definizzjonijiet ta’ belt. Filwaqt li l-Ġappun jiddefinixxi lokal bħala belt jekk ikollu popolazzjoni ta’ 50,000 ruħ, għad-Danimarka u l-Iżlanda, lokal b’mitejn ruħ biss jitqies b’belt (UN-Habitat 3). F’Malta hawn għaxar lokalitajiet li jissejħu bliet u waħda f’Għawdex. Fost dawn il-bliet hemm Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi filwaqt li Tas-Sliema mhijiex meqjusa b’belt. Jidher li l-kriterju magħżul biex lokal jitqies belt mhuwiex il-popolazzjoni. Pereżempju hu stmat li sal-2022, Birkirkara (li mhijiex belt) għandha l-akbar popolazzjoni, b’21,676 persuna filwaqt li s-Siġġiewi (*Cittá Ferdinand)* huwa fost il-lokalitajiet l-inqas popolati b’7,676 persuna (World Population Review). Hi x’inhi d-definizzjoni li nagħtu lil belt jew raħal, fil-letteratura lokali hemm demarkazzjoni bejn it-tnejn anki jekk mhijiex definita. Għall-poeta

Romantiku, Ewropew u dak Malti, is-sublimi jinstab biss fin-natura kif argumentaw b'mod tant b'saħħtu Wordsworth u Coleridge (Den Tandt 127). Proprju għal din ir-raġuni, George Zammit, jirtira lejn il-bogħod (ovvjament bogħod relattiv):

> Bogħod minn kulħadd, mill-bliet bil-geġwiġija
> Ta' nemel b'żewġ saqajn, jiġri u jitmasħan
> U jitqatel għal ħolma mellisija;
> Waħdi.
> ("Waħdi)

Dawn l-erba' versi jiddokumentaw iċ-ċaqliq tal-mixi lejn il-kampanja u 'l bogħod mill-ambjent urban, u, simultanjament, iċ-ċaqliq nervuż tal-bniedem fil-belt. Il-geġwiġija urbana li minnha jaħrab Zammit ir-Romantiku tfakkarna f'dik irreġistrata minn ħarruba fi "Quo Vadis" ta' Rużar Briffa, bid-differenza li Briffa jikkuntrasta n-nevrożi tal-moviment mal-kalma tas-sedentarjetà. Ir-raġel solitarju li jitbiegħed mill-folla li timxi fil-belt biex, minflok, jimxi fuq Gelmus jew f'xi wied milli kien hawn, huwa l-oppost tal-eroj modern, il-flaneur kif miġjub fil-poeżija ta' Baudelaire li jiddefinih hekk:

> The crowd is his element, as the air is that of birds and water of fishes. His passion and his profession are to become one flesh with the crowd. For the perfect *flâneur,* for the passionate spectator, it is an immense joy to set up house in the heart of

> the multitude, amid the ebb and flow of movement, in the midst of the fugitive and infinite. (9)

Ir-Romantiċiżmu jinkoraġġixxi l-moviment, iżda jrid ikun solitarju, u jsir fil-kwiet tal-ambjent rurali u, fuq kollox, 'il bogħod mill-folla li tagħżel il-belt. Poeti bħal Zammit u Briffa jagħtuna x'nifhmu li l-moviment urban huwa kaotiku u soffokanti. Il-mixja tar-Romantiku hija ċaqliqa lejn is-sublimi u s-sublimi jinstab biss fis-skiet: is-skiet huwa sublimi minnu nnifsu.

Is-skiet u l-ġabra: żewġ komponenti li awtomatikament jissuġġerixxu l-ispiritwalità. Il-mixja reliġjuża, dik tal-pellegrin li jersaq bl-umiltà u kważi bis-satra – kuntrarju għall-*camino* tal-lum akkumpanjat mir-ritratti fuq facebook u instagram – hija l-moviment li tassew ibiegħed lis-solitarju Romantiku mill-bqija. Zammit jagħtina mill-inqas żewġ pellegrinaġġi, b'"L-Għanja tas-Seba' Niċeċ" u mbagħad "L-Għanja tas-Seba' Għerien". Fiż-żewġ pellegrinaġġi, l-emfasi titpoġġa fuq il-mixja solitarja, fuq il-moviment meqjus lejn esperjenza spiritwali imma fuq kollox waħdanija.

> Qfilt biebi – u tlaqt lejn il-beraħ
> ...
> Il-ħatar qbadt f'idi tar-rażna
> U sieket u ħiemed tlaqt, waħdi,
> Għal għonq triq is-sabar li jnissi,

Għal għonq triq il-faraġ li jfejjaq,
Għal għonq triq il-qawwa li twitti
U tgħattan il-ħotob tal-ħajja.

Il-mixja hawnhekk hija waħda katartika hekk kif il-pellegrin jitbiegħed mill-ambjent urban, meqjus bħala maħmuġ, difettuż u korrott, biex jissaffa mill-influssi negattivi bis-saħħa tas-skiet u l-ġabra li ħafna drabi nqisuhom bħala neċessitajiet spiritwali. Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-pellegrinaġġ, Gros ifakkarna fil-prinċipju tal-*peregrinatio perpetua*: il-fehma komuni fil-bidu tal-medju evu li l-bniedem fuq din l-art jgħix f'pellegrinaġġ perpetwu. Dan il-prinċipju, ikompli Gros, jafferma l-kunċett li l-pellegrinaġġ jimplika xewqa għat-tluq, għar-rinunzja. L-istess bħalma Kristu sejjaħ lid-dixxipli biex jitilqu kollox u jmorru għall-missjoni li ried jafdalhom. Il-mixi, il-moviment tal-pellegrinaġġ, nieqes mill-gost tal-meravilja bin-natura li ppriedka Wordsworth, jaqta' lil dak li jkun saħansitra l-memorja ta' mnejn telaq (Gros Kap 13).

Mhux ir-Romantiċi kollha stmerrew il-belt minħabba l-kaos li tara l-ħarruba xiħa ta' Rużar Briffa. Ħafna drabi l-belt tiġi assoċjata mad-dnub, speċjalment id-dnub kontra l-ħames u s-sitt kmandament. Fil-belt hemm il-korruzzjoni tal-morali li twassal għad-delitti narrati f'rumanzi bħal *Viku Mason* u *Susanna* ta' Muscat Azzopardi u dnubiet oħrajn li jinvolvu l-pjaċir sesswali. Dan id-dnub jidher l-aktar fin-nisa li ma jikkonformawx mal-kodiċi stabbilit. Dan se jfisser li xi

ħadd bħal Ġużè Chetcuti, fil-moviment tiegħu fil-belt, mhux se jxidd il-libsa tal-flaneur daqskemm l-imħallef li jaqta' s-sentenzi kontra nisa li huma differenti minn dak mixtieq mill-ekonomija maskili konservattiva:

Lix-xebba bħal debba
erħewlha tisferra,
weħidha, ma' ħbiebha,
maż-żgħażagħ tiġġerra.

Jekk taħsel tgħidilha:
qed tagħmel ħażin.
Hi twieġbek bla tqisha:
il-moda hekk hi!

U rajha f'idejha,
tmur tiġri fejn trid,
it-"talkies" fl-għaxija,
għad-"dances" sikwit.

Xufftejha tħammarhom,

ħuġbejha mqaxxrin,

fis-sħana, fil-kesħa

dirgħajha mqaċċtin.

Ilbiesha b'kemm tagħmel

ilbies ta' tarbija,

mgħottija sa nofsha

u mneżżgħa ... il-bqija.

Dik ommha tidħkilha,

taraha hekk fuq ruħha:

m'għandhiex tibqa' f'darha

bħal waħda mitruħa.

Hekk tgħid għax hekk tifhem

il-ħajja tal-lum:

bin-nhar ġo l-uffiċċju,

bil-lejl barra ddum.

("Triq Irjali Impressjonijiet")

Iżda ma kinux il-kittieba Romantiċi biss li għamlu din l-assoċjazzjoni. Ir-rumanz Modern, li nkiteb bit-tir li jaġġorna lill-qarrejja Maltin u joffri perspettiva aġġornata tad-dinja, ma tbegħidx wisq minn din il-fehma. Huwa għalhekk li Fredu Gambin f'*Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut jibda jħalli r-raħal kull tmiem il-ġimgħa u jsuq sal-Belt: it-tir uniku tiegħu li jiltaqa' ma' mara u jiżvoga l-libido tiegħu. Waqt li t-tfajla raħlija tibqa' pura, dik li tmiss mal-belt issir fuq tagħha, jiġifieri tagħraf tissodisfa l-urġenzi sesswali tagħha. L-istess jagħmlu t-tfajliet li jersqu lejn is-sur Cecil f' *Paceville*: appuntu Paceville, il-belt żgħira tad-divertiment hija, essenzjalment sess, droga u rock 'n roll. Aktarx ma nistennewx, mill-kittieba Moderni, kemm baqgħu marbutin maċ-ċokon ta' pajjiżhom, aktar u aktar meta wieħed iqis kemm ivvjaġġaw fiżikament. Il-protagonisti ta' diversi rumanzi Moderni, minkejja l-komportament ribelli tagħhom, mhux biss jibqgħu Malta, imma jgħixu u jmutu fir-raħal: Fredu Gambin; Samwel u Żabbett f'*Samuraj* ta' Sammut ukoll; Natan f'*Il-Gidba* u ħafna protagonisti fin-novelli fi *Stejjer għal Qabel Jidlam* ta' Oliver Friggieri; ħafna mill-protagonisti ta' Paul P. Borg, bil-faxxinu romantiku tal-kampanja Maltija partikolarment Selmun. Il-mument li Gambin jiddeċiedi li jemigra u jasal il-mument li jitlaq, ir-rumanz jieqaf ħesrem: il-kittieb iħalli lill-qarrejja (Maltin) tiegħu fuq il-gżira tagħhom, bħalma jagħmlu Friggieri u Borg u anki JJ Camilleri. Ir-rakkont tar-rumanz modern jibda u jkompli u jispiċċa fuq il-gżira u hekk jiġrilu wkoll il-qarrej. Bla ebda dubju, il-qarrej implikat

tal-Moderniżmu Malti huwa Malti li waqaf Malta bħalma waqaf ir-rakkont.

Dak li għalissa nistgħu nqisuh l-aħħar kapitlu, jiġifieri l-letteratura post90, aktarx li hu l-aktar wieħed movimentat. Wieħed irid jifhem li l-faċilitajiet ta' vvjaġġar kibru u roħsu. Iżda din mhijiex ir-raġuni għala l-letteratura ta' dawn l-aħħar tletin sena hija daqstant movimentata. Mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-kittieba Maltin sabu rwieħhom fi ċrieki u anki swieq letterarji lil hinn mix-xtut tal-gżira. Lanqas din mhi r-raġuni diretta. Il-kittieba Maltin, riedu jew ma ridux, iltaqgħu ma' qarrej implikat li mhuwiex neċessarjament Malti. Minħabba li numru ta' kotba Maltin bdew jiġu tradotti, ippubblikati u moqrija minn nies li mhumiex tal-lokal, il-moviment beda jittieħed anki f'direzzjonijiet lil hinn. Il-ktieb Malti, fi kliem ieħor, beda jimxi, beda jaqsam il-baħar ukoll u beda jistrieħ f'libreriji u fi ħwienet tal-kotba fejn joqogħdu kotba b'oriġini differenti minn tiegħu. Nistgħu nosservaw ukoll li għalkemm l-oriġini aktarx tibqa' preżenti (għalkemm mhux dejjem), il-kontenut beda jimxi wkoll u l-istora mhux neċessarjament isseħħ hawn. Il-protagonsti ta' Vella Gera jżuru jew jgħixu fl-Istati Uniti, attendew il-festival mitiku ta' Woodstock, marru Praga u nħawi oħrajn, f'*L-Antipodi*, f'*Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* u f'kitbiet oħrajn. Uħud mill-karattri ta' Clare Azzopardi emigraw u għadhom jgħixu Londra u jqattgħu ħajjithom jivvjaġġaw fit-tube, eżattament tul il-linja l-

ħadra, u jaħlu ħajjithom fil-metropoli, mhux bħala flaneurs imma bħala ċittadini spatrijati. In-novelli ta' Pierre Meilak jeħduna l-Greċja, Moska, u Brussell, l-istess fejn jeħodna Ġużè Stagno bl-aħħar rumanz tiegħu. Ir-rakkonti tiegħi wkoll iġorru lill-qarrejja lejn Berlin (inkluża dik li m'għadhiex teżisti), Sqallija, Milan jekk mhux ukoll fi bliet Ewropej li mhux identifikati f'rakkonti bħal *Jutta Heim*, *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna* u fin-novella li addirittura m'għandha ebda konnessjoni mal-oriġini Maltija tiegħi jew tal-ktieb jew ta' xi karattru.

F'dan is-sens, il-ktieb Malti mexa malli l-kittieba tiegħu daħlu fl-Ewropa. U mexa f'ambjenti differenti għalkemm il-preferenza hija, evidentement, il-metropoli. Il-ktieb Malti sar kożmopolitan kif qatt qabel ma kien u dan aktarx ġej mill-fatt li jiċħad il-kunċett tan-nazzjon u, minflok, ħaddan il-pjaneta kollha kemm hi bħala l-oriġini, il-lok fejn jgħammar u d-destinazzjoni tiegħu. Il-ktejjeb poetiku *Passaport* ta' Antoine Cassar huwa testimonjanza b'saħħitha tal-imġiba kożmopolitana tal-kittieba post90. Cassar jirrinunzja l-passaport maħruġ min-nazzjon bħala evidenza legali u uffiċjali ta' ċittadinanza partikolari u, minflok, jipproduċi wieħed li jagħtih ċittadinanza planetarja. F'dan is-sens, allura, il-bogħod ma jibqax 'il bogħod anki għaliex iċ-ċaqliq, il-moviment hu wieħed naturali u kontinwu.

(5)

B'hekk naslu għall-aħħar ftit metri ta' din il-mixja li nittama li ħaditkom 'il bogħod minn dan il-viċin li konna fih, għax wara kollox

qegħdin nitkellmu fuq il-prodott letterarju lokali. It-tarbija li tagħti l-ewwel passi għal rasha xi darba għad trid tmur passiġġata u mbagħad mixja twila, forsi anki pelligrinaġġ li jieħu jiem sħaħ. Xi darba għad timxi bla ma tinduna, bla ma toqgħod tikkalkula l-passi tagħha.

REFERENZI


Amato, Joseph Anthony. *On Foot: A History of Walking,* New York UP, 2004.

Andrews, Kerri. *Wanderers: A History of Women Walking,* Reaktion Books, 2020.

Armitage, Simon. *Walking Home: A Poet's Journey*, Liverlight, 2013.

Baudelaire, Charles. *The Painter of Modern Life and Other Essays*, tradott u editjat minn Jonathan Mayne, Phaidon Press, 1995.

Boland, Ray u Brian Wheeller. "Walking and Art: Perambulating Pleasures." *The Routledge International Handbook of Walking*, editjat minn C.Michael Hall et al., Routledge, 2018, pp. 74-79.

Casalingi, Carmen u Porscha Fermanis. *Romanticism: A Literary and Cultural History,* Routledge, 2016.

Cassola, Arnold. "Two Notes: Brighella and Thezan; The 'Cantilena', Maltese and Sicilian Proverbs." *Journal of Maltese Studies*, vol. 25-26, 1994-1995, pp. 58-66.

---- *The Belgian Memoirs of a Maltese Intellectual*, Bank of Valletta, 2012.

Cook, Benjamin. "When Does a Town Become a City?" *City Monitor*, 24 ta' Mejju 2022, https://citymonitor.ai/government/when-does-town-become-city.

Debord, Guy. "Introduction to a Critique of Urban Geography." 1955. *Situationist International Anthology*, editjat u tradott minn Ken Knabb, Bureau of Public Secrets, 2006, pp. 8-12.

Den Tandt, Christophe. “Masses, Forces, and the Urban Sublime.” *The City in Literature*, editjat minn Kevin R. McNamara, Cambridge UP, 2014, pp. 126-137.

Galea, Francis. *Juan Mamo: Ħajtu u Ħidmietu,* Sensiela Kotba Soċjalisti, 2007.

Goertz, Karein. “Walking as Pedagogy.” *The Routledge International Handbook of Walking*, editjat minn C.Michael Hall et al., Routledge, 2018, pp. 55-64.

Gros, Frédéric. *A Philosophy of Walking,* tradott minn John Howe, ebook, Verso, 2014.

Ieranò, Giorgio. *Elena e Penelope: Infedeltà e Matrimonio,* Giulio Einaudi Editore, 2021.

Jacks, Ben. “Reimagining Walking: Four Practices.” *Journal of Architectural Education (1984–)*, vol. 57, nru. 3, 2004, pp. 5-9.

Jakobsen, Knut A. *Pilgrimage in the Hindu Tradition,* Routledge, 2013.

Lacan, Jacques. “The Mirror Stage as Formative of the Function of the I as Revealed in Psychoanalytic Experience.” *Écrits,* Routledge, 2001, pp. 1-8

Maria. “The History of the Camino De Santiago.” *CaminoWays.com,* 28 ta’ April 2022, https://caminoways.com/the-history-of-the-camino-de-santiago/. Moqri 3 ta’ Awwissu 2022.

Marinetti, Filippo Tommaso. “Le Futurisme,” *Le Figaro,* 20 ta’ Frar, 1909.

---- “Manifesto del Futurismo,” *La Rassegna Internazionale ‘Poesia’*, Milan, 1909.

National Statistics Office – Malta. News Release 132/2022, https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2022/07/News2022_132.pdf, 28 ta’ Lulju, 2022.

Nielsen, Inge. “Collective Mysteries and Greek Pilgrimage: The Cases of Eleusis, Thebes and Andania.” *Excavating Pilgrimage: Archaeological Approaches to Sacred Travel in the Ancient World,* editjat minn Troels Myrup Kristensen u Wiebke Friese, Routledge, 2017, pp. 28-46.

Somoza-Media, Xosé, u Rubén Camilo Louis González. “Improving the Walkability of the Camino.” *The Routledge International Handbook of Walking*, editjat minn C.Michael Hall et al., Routledge, 2018, pp. 390-402.

Speck, Jeff. *Walkable City: How Donwtown Can Save America, One Step at a Time,* ebook, North Point Press, 2012.

Thoreau, Henry David. *Walking*. 1862, ebook, Orsorum Press, 2002.

UN-Habitat. *What is a City?* https://unhabitat.org/sites/default/files/2020/06/city_definition_what_is_a_city.pdf.

Vella Gera, Alex. "In Limbo," *Xtaqt li Kont Hemm*, ??

--- "From Hamrun to Marsaxlokk in Four Hours." *Uncommon Malta and Gozo,* editjat minn Emma Mattei u Jon Banthorpe, Miranda Books, 2011, pp. 111-115.

--- "12-il Pass Lejn Ħajja Ġdida bil-Passatemp Għaqli tal-Mixi Bil-Lejl." *Fuljett għal fuq il-Loki*, editjat minn Patrick Galea, 2011.

World Population Review. https://worldpopulationreview.com/countries/malta-population, moqri 14 ta' Settembru 2022.